MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2006

Numru 623/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur J J Borg**
**Spettur Marisa Camilleri)**

**Vs**

Francis Aquilina

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputat Francis Aquilina karta ta' identita' 444461(M), akkuzat talli:

Fil-25 ta' Gunju, 2006 fis-Siggiewi ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' fil-ghodu (3:30 a.m.) bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' li jikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Carmel Vassallo ID 73871(M), Mario Gatt ID 199964(M), Ivan Borg ID 1271(M), Jennifer Psaila ID 393376(M) u xi nies ohra mhux maghrufa wera dan il-hsieb b'atti esterni u

ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt meta fil-waqt li kellu taht il-kontroll tieghu u/jew kien isuq vettura numru NAR 612 tal-marka Land Rover5 Defender 110 saq fid-direzzjoni ta' l-imsemmija nies, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq l-imsemmija vettura b'mod traskurat u perikoluz.

Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, volontarjament ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Jennifer Psaila ID 393376(M) u Carmel Vassallo ID 73871(M) u dan skond if iccertifika it-Tabib Alan Drago MD tal-Isptar San Luqa;

Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hedded lill-imsemmija Carmel Vassallo, Mario Gatt, Ivan Borg u Jennifer Psaila.

Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hebb kontra il-persuni ta' Carmel Vassallo, Mario Gatt, Ivan Borg u Jennifer Psaila.

Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Fl-istess data, hin, lik u cirkustanzi volontarjament ikkaguna hsara fuq protection barriers tal-plancier tal-festa.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat f'din l-ewwel udjenza jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti tat l-imputat zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat l-artikoli 216, 221, 339(e), 339(b), 338(dd), 325(d) u 17 tal-Kap 9 u l-artikolu 15 tal-Kap 65 u tikkundannah;

1) Fil-konfront l-ewwel akkuza sena prigunerija sospizi ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9.
2) Rigward it-tieni akkuza Lm100 multa.
3) Rigward it-tielet akkuza Lm50 multa.
4) Rigward ir-raba', il-hames u s-sitt akkuza ammenda kumplessiva ta' Lm30.
5) Fil-konfront ta' l-ahhar akkuza Lm10 multa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------